DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-18 ta' Frar 2013

li temenda d-Deċiżjoni 2008/855/KE dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-Latvja

(notifikata bid-dokument numru C(2013) 722)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2013/91/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/662/KEE tal-11 ta' Diċembru 1989 dwar spezzjonijiet veterinarji fil-kummerċ intra-Komunitarju bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar, veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali ħajjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/855/KE tat-3 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' kontroll tas-saħħa tal-annimali marbuta mad-deni klassiku tal-ħnieżer f'ċerti Stati Membri ([3]) tistipula ċerti miżuri ta' kontroll għad-deni klassiku tal-ħnieżer fl-Istati Membri jew fir-reġjuni tagħhom elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni. Fir-rigward tad-deni klassiku tal-ħnieżer hemm sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi differenti rreġistrati fl-Istati Membri jew f'żoni tagħhom. Għalhekk, l-Anness tad-Deċiżjoni 2008/855/KE jikkonsisti fi tliet partijiet, li kull waħda minnhom telenka żoni ta' Stati Membri li għalihom japplikaw miżuri differenti skont is-sitwazzjoni epidemjoloġika.

(2) L-Istati Membri kkonċernati biż-żoni elenkati fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/855/KE għandhom jiżguraw li l-kunsinni ta' laħam frisk tal-majjal minn azjendi li jinsabu f'dawk iż-żoni, u l-preparazzjonijiet tal-laħam u l-prodotti tal-laħam li jikkonsistu minn dan il-laħam jew li fihom dan il-laħam, jintbagħtu lejn l-Istati Membri l-oħra biss jekk dawn jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti.

(3) Fl-20 ta' Novembru 2012, il-Latvja rrappurtat każijiet ta' deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħnieżer slavaġ tad-distretti ta' Dagdas u Zilupes, li jinsabu mal-fruntiera mar-Russja u mal-Bjelorussja. Il-kontrolli fuq il-ħnieżer slavaġ saru fil-qafas ta' programm nazzjonali ta' sorveljanza. Barra minn hekk, fis-27 ta' Novembru, il-Latvja rrappurtat tifqigħ ta' deni klassiku tal-ħnieżer fl-azjendi domestiċi tal-istess żona.

(4) Il-Latvja ħadet miżuri fil-qafas tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda tal-infafet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer ([4]) u ġiet stabbilita żona infettata f'parti mit-territorju tad-distretti ta' Alūksnes, Rēzeknes, Daugavpils, Balvu, Rugāju, Viļakas, Baltinavas, Kārsavas, Ciblas, Ludzas, Zilupes, Dagdas, Aglonas u Krāslavas. Barra minn hekk, il-Latvja ppreżentat lill-Kummissjoni pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fiż-żona kkonċernata ta' dak l-Istat Membru. Dak il-pjan ġie approvat mill-Kummissjoni bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjonu 2013/90/UE tat-18 ta' Frar 2013 li tapprova l-pjan għall-eradikazzjoni tad-deni klassiku tal-ħnieżer fil-ħanżir salvaġġ u t-tilqim ta' emerġenza ta' dawn il-ħnieżer f'ċerti żoni fil-Latvja ([5]).

(5) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta mil-Latvja, huwa xieraq li jiġu elenkati l-partijiet rilevanti tad-distretti ta' Alūksnes, Rēzeknes, Daugavpils, Balvu, Rugāju, Viļakas, Baltinavas, Kārsavas, Ciblas, Ludzas, Zilupes, Dagdas, Aglonas u Krāslavas fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/855/KE.

(6) Għalhekk, id-Deċiżjoni 2008/855/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.

(7) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-Parti II tal-Anness tad-Deċiżjoni 2008/855/KE, għandha tiżdied l-entrata li ġejja:

"**Il-Latvja**

Fid-distrett ta' Alūksnes, il-muniċipalitajiet ta' Pededzes u Liepnas. Fid-distrett ta' Rēzeknes, il-muniċipalitajiet ta' Pušas, Mākoņkalna u Kaunatas. Fid-distrett ta' Daugavpils, il-muniċipalitajiet ta' Dubnas, Višķu, Ambeļu, Biķernieku, Maļinovas, Naujenes, Tabores, Vecsalienas, Salienas, Skrudalienas, Demenes u Laucesas. Fid-distrett ta' Balvu, il-muniċipalitajiet ta' Vīksnas, Kubuļu, Balvu, Bērzkalnes, Lazdulejas, Briežuciema, Vectilžas, Tilžas, Krišjāņu u Bērzpils. Fid-distrett ta' Rugāju, il-muniċipalitajiet ta' Rugāju u Lazdukalna. Fid-distrett ta' Viļakas, il-muniċipalitajiet ta' Žiguru, Vecumu, Kupravas, Susāju, Medņevas u Šķilbēnu. Fid-distrett ta' Baltinavas, il-muniċipalità ta' Baltinavas. Fid-distrett ta' Kārsavas, il-muniċipalitajiet ta' Salnavas, Malnavas, Goliševas,

([1]) ĠU L 395, 30.12.1989, p. 13.
([2]) ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.
([3]) ĠU L 302, 13.11.2008, p. 19.
([4]) ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5.
([5]) Ara paġna 70 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

Mērdzenes u Mežvidu. Fid-distrett ta' Ciblas, il-muniċipalitajiet ta' Pušmucovas, Līdumnieku, Ciblas, Zvirgzdenes u Blontu. Fid-distrett ta' Ludzas, il-muniċipalitajiet ta' Ņukšu, Briģu, Isnaudas, Nirzas, Pildas, Rundēnu u Istras. Fid-distrett ta' Zilupes, il-muniċipalitajiet ta' Zaļesjes, Lauderu u Pasienes. Fid-distrett ta' Dagdas, il-muniċipalitajiet ta' Andzeļu, Ezernieku, Šķaunes, Svariņu, Bērziņu, Ķepovas, Asūnes, Dagdas, Konstantinovas u Andrupenes. Fid-distrett ta' Aglonas, il-muniċipalitajiet ta' Kastuļinas, Grāveru, Šķeltovas u Aglonas. Fid-distrett ta' Krāslavas, il-muniċipalitajiet ta' Aulejas, Kombuļu, Skaistas, Robežnieku, Indras, Piedrujas, Kalniešu, Krāslavas, Kaplavas, Ūdrīšu u Izvaltas."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni

Tonio BORG

Membru tal-Kummissjoni